MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 543/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond J. Borg)**
**Vs**
**Brian Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar tliet xhur :

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma

kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru m ill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh skond l-Artikolu 22 (2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li

jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. talli rrenda ruhu ricediv b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

5. talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Dicembru, 2010, li biha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kapitolu 101, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, u l-artikoli 49, 50, 17(b) u 17(h) tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, kkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija, kif ukoll ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' elf Ewro (€1000), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista` tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Ewro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2011, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Ewro u hamsa w sittin centezmu (€11.65) dovut.

Ordnat ulterjorment li l-piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar habs sospizi ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-26 ta' Novembru 2009 tigi reza operattiva, u b'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlett (3) snin u nofs prigunerija, apparti l-hlas tal-multa fuq imposta.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita taht is-supervizjoni tar-Registratur, kif ukoll il-konfiska tal-flus esebiti favur il-Gvern ta’ Malta.

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta’ abbuz ta’ droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Dicembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta’ htija, tvarjaha in kwantu l-piena, billi minflok il-piena ta’ tlett snin u nofs prigunerija u multa ta’ elf Ewro tissostitwixxi ghal istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu limitatament ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

1. Illi l-piena komplessiva ta’ tlett snin u nofs prigunerija u multa ta’ elf Ewro hija eccessiva u dan meta wiehed jikkonsidra l-fatt illi l-appellant odjern allura imputat, ikkollabora mal-Pulizija u zvela l-identita` tal-persuna minn ghand min kien xtara d-droga in kwistjoni. Illi apparti minn hekk, id-droga misjuba fuq il-persuna ta’ l-appellant kien konsistenti f’pakkett wiehed fejn l-ammont tas-sustanza kien de minimis.
2. Illi apparti minn hekk, fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti, l-ufficjal prosekutur kien iddikjara “in open Court” li l-prosekuzzjoni kienet qed tinsisti fuq piena ta’ prigunerija effettiva ghal zmien sena, u dan apparti z-zieda ta’ ksur tas-sentenza sospiza, bil-konsegwenza li l-piena tizdied bi tmintax-il xahar.
3. Illi fil-fatt, il-fehma tal-partijiet dwar il-piena ingibet fl-udjenza “in open Court” u sar il-verbal hawn fuq indikat. Illi l-appellant huwa konxju tal-fatt illi l-Ewwel Qorti ma hijiex marbuta bil-patteggjament milhuq ta’ bejn il-

prosekuzzjoni u d-difiza izda, l-appellant kien pjuttost sorpriz bil-piena nflitta fis-sentenza.

Illi nghad fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Mario Spagnol (Omissis) per. Onor. Imhallef J. Galea Debono datat 6 ta’ Jannar 2005 li :
*“...peress li ma jkun hemm ebda record preciz ta’ dak li jkun ntqal jew ma ntqalx, dak li jkun gie miftiehem jew sottontiz jew forsi fra-intiz, tinholoq problema biex wiehed jistabilixxi ezatt x’ikun intqal, gie miftiehem jew mahsub li gie miftiehem. U peress li quod non est in actis, non est in mundo’ qorti ta’ revizjoni rinfaccata b’wistjoni dwar intendiment o meno li seta` ntlahaq jew ma ntlahaqx tkun priva mill-fatti certi li fuqhom tista` tigi msejha biex tiddeciedi.”*

Illi l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena ta’ tlett snin u nofs prigunerija kienet eccessiva.

Ikkunsidrat.

Illi fit-3 ta’ Novembru, 2010 l-appellant Brian Vella gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall akkuza nkonnessjoni ma pussess tad-droga eroina kif ukoll kokaina f’cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu, fost akkuzi ta’ recidiva u wkoll li kiser il-provedimenti waqt il-perjodu ta’ operattiv ta’ Sentenza sospiza ta’ prigunerija. Fis-seduta tas-29 ta’ Novembru, 2010 l-appellant bl-assistenza ta’ l-avukat tieghu ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b’Sentenza ta’ l-14 ta’ Dicembru, 2010 l-Qorti ghaddiet ghal kundanna tieghu fejn sabitu hati u kkundannatu ghal sentejn prigunerija, ghal hlas ta’ €1,000 multa u ordnat ukoll il-piena ta’ prigunerija ta’ tmintax (18) –il xahar habs sospizi ghal tliet (3) snin moghtija permezz ta’ Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tigi reza operattiva biex b’hekk b’kollox l-appellant kellu jaghmel perjodu globali ta’ tliet snin u nofs prigunerija apparti l-hlas tal-multa.

L-aggravju ta’ l-appellant qieghed fis-sens illi l-piena nflitta f’din il-kawza ma tirriflettix patteggjament informali li sar quddiem il-Magistrat fejn giet mitluba prigunerija ta’ tletin

(30) xahar. A fol 33 ta' l-atti, fir-rikors tieghu l-appellant jghid li l-ufficjal prosekutur kien iddikjara in open Court "Li l-prosekuzzjoni kienet qieghda tinsisti fuq piena ta' prigunerija effettiva ghal zmien sena, u dan apparti z-zjieda ta' ksur ta' Sentenza sospiza, bil-konsegwenza li l-piena tizdied bi tmintax (18) –il xahar."

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi minn ezami akkurat ta' l-atti jirrizulta illi l-prosekuzzjoni ma nsistietx fuq ebda piena izda biss irrakkomandat. Fil-Verbal tad-29 ta' Novembru 2010, (fol 20), hemm imnizzel illi "il-prosekuzzjoni tirrakkomand fic-cirkostanzi kollha tal-kaz illi ghandha tigi nflitta fuq l-imputat piena ta' sena priguenrija effettiva ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih fil-kawza odjerna u li l-multa tavvicina l-minimu". Il-Prosekuzzjoni kienet korretta f'dan il-verbal 'il ghaliex taf illi hadd ma jista jinsisti fuq Magistrat x'piena ghandu jaghti jew ma jaghtix. Din hija deskrizzjoni tieghu u hadd, la d-difiza u l-anqas il-prosekuzzjoni, ma jistghu jinsistu fuq il-Magistrat x'piena ghandu jaghti. Se mai meta l-Ligi tippermetti, jistghu jirrakomandaw lill-Magistrat illi jiehu in konsiderazzjoni t-talbiet jew il-ftehim taghhom. Dana inghad, l-appellant qieghed jilmenta illi l-ewwel Qorti ma kelliex tinjora dan il-patteggjament informali illi sar quddiemha u ma messietx qabdet u errogat piena oltre dak illi kien gie patwit.

Ikkunsidrat.

Illi l-Qorti kellha okkazjoni tidhol f'din il-kwistjoni fil-kawza fl-ismijiet Adil Hasan Mohamed deciza fit-13 ta' Lulju 2012 fejn fost affarijiet ohra qalet "hu minnu illi l-istitut ta' "plea bargining" kif regolat bl-Artiklu 453(a) japplika biss ghall-Qorti Kriminali u dawk quddiem il-Qorti Inferjuri mhumiex regolati bil-Ligi, pero' hija prassi komuni, illi mhux ta' min jinjoraha u lill-Qorti tal-Magistrati, sabiex jithaffew il-proceduri, gie li jkun hemm sitwazzjoni fejn id-difiza u l-prosekuzzjoni jiddikjaraw lill-Magistrat li huma jaqblu fuq piena partikulari."

Din il-Qorti segwiet illi ntqal fil-kawza Il-Pulizija vs Mario Spagnol deciza fis-6 ta' Jannar, 2005 fejn intqal ". . . mhux eskluz illi anki quddiem dawn il-Qrati (Qorti Inferjuri), il-prosekuzzjoni u d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f'kaz ta' ammissjoni ta' htija." Dan il-kaz huwa daqsxejn differenti, peress li mill-Verbal fuq imsemmi tad-29 ta' Novembru, 2010 jirrizulta illi r-rakkomandazzjoni ghall- piena jew mizura partikulari giet biss minn naha tal-prosekuzzjoni u ma hemm l-ebda dikjarazzjoni minn naha tad-difiza illi qieghda taderixxi ma tali mizura. L-unika dikjerazzjoni komuni illi jirrizulta minn dan il-verbal, hija d-dikjarazzjoni tal-partijiet fejn qablu li ghal fini tal-piena t-tieni mputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni, liema dikjarazzjoni giet accettata mill-Magistrat u haditha in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-piena.
Ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax jinghad li l-prosekuzzjoni u d-difiza kienu konkordi fuq sanzjoni jew mizura la d-dikjarazzjoni kienet biss unilaterali. Apparti l-fatt illi huwa minnu wkoll illi l-Magistrat mhuwiex marbut ma dak li jkun patwit u jista' jeroga piena differenti minn dak miftiehem. F'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda ftehim illi seta' ta ndikazzjoni lill-Magistrat kif kellha teroga l-piena.Ghalhekk dan l-agravju ta' l-appellant qed jigi respint.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-Magistrat hadet inkonsiderazzjoni l-aggraviji kollha kif ukoll il-beneficci moghti lill-appellant permezz ta' l-Artiklu 29A tal-Kap 101 u wriet kif dawn il-beneficcji gew negati bl-agravi u l-precedenti ta' l-appellant inkluz il-kommissjoni ta' reat waqt l-operazzjoni ta' Sentenza sospiza u waslet biex tikkomputa piena li kienet fil-parametri tal-Ligi. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun inqas minn dak illi tkun fil-fatt. Ghalhekk mhux il-kaz illi l-Qorti tiddisturba din id-deskrizzjoni tal-Magistrat fl-ghoti tal-piena.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------